Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,863, 20 ta' Mejju, 2022
Taqsima B

A.L. 150 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università, 2009, ippubblikati bħala Avviż Legali 274 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' April, 2022 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (e) tal-paragrafu (1) tar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(e) d-deċiżjonijiet finali għandhom jittieħdu mill-Bord tal-Eżaminaturi wara li jkunu ġew ikkunsidrati r-rapporti tal-eżaminaturi individwali u sakemm li kwalunkwe student iddikjarat li jkun weħel ikun ġie eżaminat mill-anqas minn żewġ eżaminaturi, li mill-anqas wieħed minnhom ikun membru tal-Bord tal-Eżaminaturi."